MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 224/1997/2

**Paul Scicluna**

**v.**

**L-Eccellenza tieghu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Ghawdex,**
**u b'nota tad-29 ta' Ottubru 2007,**
**l-Eccellenza Tieghu Mons. Mario Grech assuma l-atti tal-kawza minflok Mons. Isqof Nikol Cauchi,**
**fil-vesti tieghu ta' Isqof ta' Ghawdex.**
**Monsinjur Gregorju Vella, Prokuratur tal-Beni tal-Kattidral ta' Ghawdex u Monsinjur Guzeppi Gauci**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-attur minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri fit-12 ta' April 2005. Ghal intediment ahjar ta' dan l-appell, id-digriet appellat qieghed jigi hawn taht riportat interament u minnu jirrizulta li gie dekretat hekk:

"Il-Qorti,

"B'referenza ghat-talba tal-konvenuti li jressqu l-provi *in sostenn* ta' l-eccezzjoni ulterjuri taghhom;

"Wara li rat il-verbali tad-difensuri tal-kontendenti tal-10 ta' Dicembru 2004 u tal-11 ta' Marzu 2005 u n-noti rispettivi dwar din it-talba;

"Billi l-konvenuti ghandhom kull dritt iressqu l-provi taghhom *in sostenn* ta' din l-eccezzjoni li nghatat biss meta l-kawza giet rimessa lil din il-Qorti, wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Marzu 2004, u allura ma kellhomx l-opportunita` jressqu l-istess provi fi stadju precedenti tal-kawza;

Tilqa' t-talba u tawtorizza lill-konvenuti dwar l-eccezzjoni ulterjuri."

(L-enfasi fuq il-frazi "*in sostenn*" hija ta' l-ewwel Qorti).

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

2.1. L-attur hassu aggravat minn dan id-digriet interlokutorju u, debitament awtorizzat kif titlob il-ligi tal-procedura, interpona appell minnu fejn talab li dan id-digriet jigi revokat u "minflok, (din il-Qorti) taqta' u tiddeciedi li m'huwiex permess lill-konvenuti li jressqu provi ohra in sostenn ta' l-istess eccezzjoni ulterjuri" bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2.2. Kwantu ghall-aggravji tieghu, l-attur, apparti li fir-rikors ta' appell hass il-htiega li jinvesti wkoll il-punt dwar l-applikabbilita` o meno ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

kwinkennali kif sollevata mill-kontroparti – li ghal ragunijiet ovvji din il-Qorti tiddeklina ghal kollox milli tidhol f'tali indagni f'dan l-appell, jillanja illi, skond hu, "ladarba bhala fatt gia` jirrizulta mill-atti processwali li ghaddew izjed minn hames snin mid-data meta nharget l-awtorizzazzjoni mis-Santa Sede u d-data meta giet prezentata l-ittra ufficjali u in segwitu istitwita din l-azzjoni", ghalhekk kellu jsegwi li, "l-istess konvenuti (ghalhekk) illum ma ghandhom ebda prova ohra xi jressqu in sostenn ta' l-istess eccezzjoni". Dejjem skond l-appellant, "l-unika prova li tispetta lilhom (i.e. lill-konvenuti appellati) ... hi <u>biss</u> dik tad-dekors ta' aktar minn hames snin kif premess u se mai jispetta lill-istess attur li jipprova l-interruzzjoni tat-terminu".

In sostenn tal-premess, l-appellant jaghmel ukoll xi riferenza ghal xi kazistika dwar materja ta' preskrizzjoni u provi relattivi.

## <u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>

3.1. L-appellati wiegbu li d-digriet moghti huwa gust u legali. Darba li jkun proceduralment ammissibbli li jitressqu l-provi in sostenn ta' l-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni, ghandu wkoll ikun ammissibbli li jitressqu l-provi dwarha "ghax l-eccipjent isir l-attur ghal dak li jallega fl-eccezzjoni tieghu, u l-piz tal-prova jkun fuq spallejh".

3.2. Fir-risposta taghhom, l-appellati <u>wkoll</u> jintentaw jidhlu fil-meritu ta' l-eccezzjoni ulterjuri, izda ghall-istess raguni li hija ddeklinat milli tiddelibera dwarha fir-rigward ta' l-argumenti in proprjeta` da parti ta' l-appellant, hija sejra taghmel l-istess fil-konfront ta' l-appellati. L-applikabbilita` o meno tal-preskrizzjoni sollevata hija indagni li tispetta lill-ewwel Qorti" u ma jista' jkun hemm ebda pronunzjament dwarha f'dana l-istadju minn din il-Qorti.

4. L-appell intentant mill-attur, fil-fehma konsidrata tal-Qorti, huwa wiehed ghal kollox barra minn loku fl-aghar ipotesi, u prematur fl-ahjar ipotesi. Dan ghaliex il-pronunzjament, f'forma ta' digriet interlokutorju, maghmul

mill-ewwel Qorti, jghid fih esplicitament li l-provi li jistghu jsiru min-naha ta' l-eccipjent huma dawk "in sostenn ta' din l-eccezzjoni". L-attur appellant m'huwiex jghid li eccezzjoni ulterjuri tax-xorta sollevata mill-kontroparti ma setghetx issir jew titqajjem ghax tali fakolta` hija gia` moghtija "*ex lege*". L-objezzjoni tieghu hi fis-sens li darba li huwa qieghed jaccetta li bhala fatt ghaddew tassew izjed minn hames snin bejn id-data ta' l-awtorizzazzjoni tas-Santa Sede u d-data meta giet pprezentata l-ittra ufficjali u, wara c-citazzjoni, min-naha tieghu, allura ma hemmx lok ghal aktar provi. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragjonament. Il-prova relattiva, tajjeb jew hazin, tispetta fl-ewwel lok lil min qieghed jeccepiha ghaliex f'dan il-kaz ukoll, minkejja li gejja min-naha konvenuta, xorta ghandu jregi l-principju li *ei incumbit qui dicit, non ei qui negat*. Jekk imbaghad kellu jirrizulta li, in adempiment ta' tali oneru, l-eccipjent ikun qieghed imur oltre minn dak li hu ammissibbli bhala prova, allura jkun jinkombi fuq il-Qorti li tidderigieh biex jikkonforma ruhu ma' dak li huwa konsentit mil-ligi. Imma dan l-istadju, jghid x'jghid u jahseb x'jahseb l-attur f'dan ir-rigward, ghadu ma ntlahaqx. Mill-bqija, din il-Qorti ma tirraviza l-ebda skorrettezza procedurali fid-digriet inter-lokutorju emess mill-ewwel Qorti, kif inghad <u>supra</u>.

5. Fl-ahharnett, l-attur appellant deherlu opportun li fl-appell tieghu jelabora wkoll illi "f'kull kaz il-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenuti bin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom ma tapplikax fil-kaz odjern". Din il-Qorti pero` jidhrilha li kwalsiasi argomentazzjoni fuq dan il-binarju jezorbita ghal kollox mill-ambitu proprju ta' l-appell in ezami u ghalhekk, ma thossx li ghandha ghalfejn tidderimi dan il-punt, ghal-liema, il-kontroparti konvenuta hasset li ghandha taghmel is-sottomissjonijiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-attur u tordna li l-atti jigu mill-aktar fis rinvjati quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi – b'dan li l-ispejjez relattivi ghal dana l-appell jibqghu interament a kariku ta' l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------